

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru .../...

ta' [...]

Li jemenda r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2042/2003 dwar il-kapaċità kontinwata li jintużaw fl-ajru [ajrunavigabbiltà] ta' inġenji tal-ajru u prodotti, partijiet u tagħmir ajrunawtiku, u dwar l-approvazzjoni ta' organizzazzjonijiet u persunal involut f'dan ix-xogħol

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi I-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 216/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Frar 2008 regoli komuni fil-kamp ta' l-avjazzjoni ċivili u li jistabbilixxi Aġenzija Ewropea tas-Sikurezza ta' l-Avjazzjoni, u li jħassar id-Direttiva tal-Kunsill 91/670/KEE, ir-Regolament (KE) Nru 1592/2002 u d-Direttiva 2004/36/KE¹ ("ir-Regolament Bażiku"), u b'mod partikolari l-Artikolu 5 tiegħu,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2042/2003 tal-20 ta' Novembru 2003 dwar il-kapaċità kontinwata li jintużaw fl-ajru [ajrunavigabbiltà] ta' inġenji tal-ajru u prodotti, partijiet u tagħmir ajrunawtiku, u dwar l-approvazzjoni ta' organizzazzjonijiet u persunal involut f'dan ix-xogħol²,

Billi:

- (1) L-inċidenti u l-inkonvenjenzi wrew li hemm il-ħtieġa li jitjiebu kemm id-disinn kif ukoll l-ajrunavigabbiltà kontinwata tas-sistemi ta' interkonnessjoni b'wajers tal-elettriku ta' ajruplani kbar;
- (2) Huwa meħtieġ li jitjieb is-sensibilizzazzjoni tal-persunal involut fl-attivitajiet ta' ajrunavigabbiltà kontinwata fir-rigward ta' riskji relatati mas-sistemi ta' interkonnessjoni b'wajers tal-elettriku ta' ajruplani kbar;
- (3) L-Aġenzija Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Avjazzjoni (l-Aġenzija) rat li hemm bżonn li tiproponi emendi fir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2042/2003, biex tiżgura li l-persunal involut f'attivitajiet ta' ajrunavigabbiltà kontinwa jkun imħarreġ kif jixraq dwar ir-riskji relatati ma' sistemi ta' interkonnessjoni b'wajers tal-elettriku f'ajruplani kbar;
- (4) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma bbażati fuq l-opinjoni maħruġa mill-Aġenzija³ skont l-Artikoli 17(2)(b), 18(a) u 19(1) tar-Regolament Bażiku;
- (5) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni⁴ tal-Kumitat tal-Aġenzija Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Avjazzjoni stabbilit bl-Artikolu 65(3) tar-Regolament Bażiku;
- (6) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2042/2003 għandu għalhekk jiġi emendat kif jixraq;

¹ ĠU L 79, 19.03.2008, p.1

² ĠU L 315, 28.11.2003, p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 376/2007 (ĠU L 94, 4.4.2007, p. 18)

³ Opinjoni 04/2008

⁴ (Għad trid tinħareġ)

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) 2042/2003 huwa bil-preżenti emendat kif ġej:

- 1) Fl-Artikolu 7, jiżdied il-paragrafu 7 li ġej:

7. B'deroga mill-paragrafu 1 id-dispożizzjonijiet tal-Anness I, il-paragrafu M.A.706(i) għandu japplika minn [18-il xahar wara d-dħul fis-seħħi ta' dan ir-Regolament ta' emenda].

Artikolu 2

Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) 2042/2003 huwa bil-preżenti emendat kif ġej:

- 1) Fl-Artikolu 7, jiżdied il-paragrafu 8 li ġej:

8. B'deroga mill-paragrafu 1 id-dispożizzjonijiet tal-Anness III, Appendix I il-paragrafu 7.7 kif emendat bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru [ikkwota n-numru ta' dan ir-Regolament ta' emenda] għandhom japplikaw minn [18-il xahar wara d-dħul fis-seħħi ta' dan ir-Regolament li jemenda].

Artikolu 2

L-Anness I (Parti M) għar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) 2042/2003 huwa bil-preżenti emendat kif ġej:

- 1) F'M.A.706, jiżdied il-punt (i) li ġej:

(i) Għall-ajruplani kbar kollha jew għall-ajruplani li jintużaw għat-trasport kummerċjali bl-ajru, l-organizzazzjoni għandha tistabbilixxi u tirregola l-kompetenzi tal-personal involut fil-ġestjoni tal-ajrunavigabbiltà kontinwata, ir-reviżjoni tal-ajrunavigabbiltà u/jew fil-verifikasi tal-kwalità skont proċedura u standard maqbula mill-awtoritā kompetenti.

Artikolu 3

L-Anness III (Parti 66) għar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) 2042/2003 huwa bil-preżenti emendat kif ġej:

- 1) Fl-Appendiċi I, "Rekwiżiti tal-għarfien bażiku", il-paragrafu 7.7 tal-modulu 7 għandu jiġi emendat biex jaqra hekk:

	Livell		
	A	B1	B2
7.7 Sistemi ta' Interkonnessjoni b'Wajers tal-Elettriku (EWIS) Kontinwità, iżolament u tekniki ta' tagħqid u ttestjar; Użu ta' għodda li titni bil-pressa (<i>crimp tools</i>): li taħdem manwalment u b'mod idrawliku; Ittestjar ta' <i>crimp joints</i> (ġonot mitnijin bil-pressa); Tneħħija u inseriment ta' <i>connector pin</i> ; Kejbils koassjali: prekawzjonijiet ta' ttestjar u ta' installazzjoni; Identifikazzjoni tat-tipi ta' wajers, kriterji tal-ispezzjonar	1	3	3

tagħhom u t-tolleranza għall-ħsara.

Tekniki ta' protezzjoni għas-sistemi tal-wajers: *cable looming* u *rfid għal-loom*, il-morsetti tal-kejbils, tekniki ta' *sleeviing* (kisi) protettiv inkluż tgeżwir li jintrass bis-ħsana, ilqugħi.

Standards ta' installazzjoni, spezzjoni, tiswija, manutenzjoni u tindif tal-EWIS

*Artikolu 4
Dħul fis-seħħi*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħi fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kummissjoni

Membru tal-Kummissjoni